MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 316/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**MARIO CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Cauchi ta’ 27 sena, bin Mario u Maria Concetta nee’ Degiorgio, mwieled Pieta’ nhar it- 3 ta’ Jannar 1982, residenti fil- fond 22, Triq San Patrizju, Birzebbugia u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 48882(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fit- 13 ta' April 2008 ghall- habta tal- 22.15hrs bejn Triq iz- Zurrieq u Triq San Gwann u f' diversi toroq ohra f' Birzebbugia, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Victoria Gauci minn Birzebbugia, skond ma ccertifika t- tabib Dr. Mark Grech MED (numru tar- registrazzjoni 2905) mic- centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;

2) aktar talli fl- istes jum, lok, hin u cirkostanzi saq jew ippruva jsuq jew kellu fil- kontroll tieghu 'motor car' b' numru tar- registrazzjoni IAN 559 li kienet fi triq jew f' post pubbliku iehor meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3) u aktar talli fl- istes data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Victoria Gauci u dan sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bil- hsieb li jitellef jew inqqas il- gieh ta' Victoria Gauci weggaghha bi kliem, gesti jew mod iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz huwa incident serju bejn koppja li ghandhom wild bejniethom. Mil-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tard fil-ghaxija sejjer lejn id-dar

flimkien tas-siehba tieghu, Victoria Gauci, u t-tifel taghhom. Gara li f' hin minnhom, hu xejjer daqqiet ta' ponn lil Gauci u kkagunalha sfregju ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9. Dan gara peress illi l-imputat, skond Gauci, kien qed isuq b' velocita' eccessiva, u hi bdiet tibza' u ppruvat tinsisti mieghu biex inaqqas il-velocita', u biex iwaqqafha hu xejjer idu fid-direzzjoni taghha u ghamlilha l-punti f' wiccha. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni tirrisulta ppruvata kif inghad. Il-griehi sofferti minn Gauci qed jigu kklassifikati minn din il-Qorti bhala gravi ai termini tal-artikolu 216 u mhux 218 tal-Kap 9 peress illi ma hallew l-ebda marka vizibbli u permanenti fuqq wiccha, u ghalhekk il-piena hija dik ta' bejn tlitt xhur u tlitt snin prigunerija.

L-imputazzjonijiet l-ohra ma gewx ippruvati, u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minnhom. Kwantu ghall-piena, il-Qorti tosserva li l-imputat gia' ghamel aktar minn hames xhur taht arrest preventiv, u ghalkemm tali incident zgur jimmerita piena ta' prigunerija effettiva, il-Qorti ma tarax li din ghandha tkun ta' perijodu aktar milli ghamel hekk arrestat. Jidher li l-imputat ha t-taghlima li kellu jiehu, u ma hemmx aktar htiega li jigi kkastigat tal-ghemil tieghu. Madankollu, u biss bhala prekawzjoni ulterjuri, il-Qorti sejra torbtu b' Ordni ta' Protezzjoni favur Victoria Gauci, ghal kull buon fini u ghall-komletezza tal-gudizzju. Il-Qorti tawgura li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' dan l-incident, specjalment ghall-gid tal-wild li ghandhom bejniethom l-imputat u Gauci.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 214, 215, 216 (1) (2), 218 (1), 221, 222 (1), 338(dd), 339 (1) (d) (e) (i), 339 (2), 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 388, 412C, 49, 50, 289, 17, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9, 15A (1) (2), 15B ( C) (D) (E) (F) (G) (H) u (I) tal- Kapitolu 65 u 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) xhur prigunerija.
Tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) ghal perjodu ta’ sena, favur Victoria Gauci.

Ma ssibux hati tat- tieni (2), it- tielet (3) u r- raba’ (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------